KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa Nru 19 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Erbgħa 20 ta' Frar 2013 fis-7.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fit 8.00 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 8.00 p.m. | 9.45 p.m. |
| Viċi Sindku Joseph De Martino | 7.30 p.m. | 9.45 p.m. |
| Kunsillier Alexander Muscat | assenti | |
| Kunsillier Abraham Bezzina | assenti | |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | 7.30 ~~7.45~~ p.m. | 7.59 p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.30 p.m. | 9.45 p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | assenti | |
| Kunsillier James Cassar | 8.00 p.m. | 8.45 p.m. |
| Kunsillier Keith Cassar | 7.45 p.m. | 9.45 p.m. |
| Kunsillier David Meilak | 7.35 p.m. | 9.45 p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 8.00 p.m. | 9.45 p.m. |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

1.00 **Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nru 18 tal- 24 ta' Jannar 2013**

Il-minuti tal-Laqgħa Nru. 18 li saret fil-24 ta' Jannar 2013 ġew approvati mingħajr ebda korrezzjoni.

**2.00 Punti Imqajjma mill-Minuti**

2.01 Dwar punt 1.04 - Ġie approvat li l-Mosta Football Club jintalbu jersqu sabiex jiġi iffirmat il-ftehim dwar l-Grawnd tal-Għajba. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv intalab jerġa jikteb lill-Klabb.

2.02 Dwar punt 7.01 - Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph De Martino qal li ma kienx hemm oġġezzjoni li titwaħħal plakka mad-dar fi Triq Ponsomby fejn kien jgħix Lorenzo Attard. Is-Sur De Martino qal li kien sejjer jipprepara l-kliem li għandu jinkiteb fuq il-plakka sabiex din issir.

2.03 Dwar punt 6.01 – Il-Kunsill ġie infurmat li nhar it-Tnejn 28 ta' Frar, 2013 għadu jibda x-xogħol tat-toroq (PPP2). Dan wara li l-permessi meħtiega issa kienu nħarġu.

2.04 Dwar punt 6.02 - Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku s-Sur Joseph De Martino sar qbil li Triq Għerien il-Wied għandha terġa tiddaħħal fil-programm tax-xogħol tat-toroq (PPP2). Din għandha tidħol minflok Triq il-Qares li ma tistax issir minħabba xogħlijiet ta trinek u *cables* li hemm maħsub li jsiru min Enemalta.

Dwar suġġeriment ieħor tas-sur De Martino sabiex spralli tal-ilma tax-xita fi Triq il-Kungress Ewkaristiku isiru nofshom taħt il-bankina, s-Sindku infurmat li dan is-suġġeriment ma ġiex aċċettat min TM.

2.05 Dwar punt 6.03 - Il-Kunsill ġie infurmat li saret applikazzjoni għal-fondi mill-UIF tal-MEPA sabiex jiġu iffinanzjati x-xogħolijiet ta' tisbieħ u *equipment* ġdid fil-Playing Field tal-Blata l-Għolja.

## 3.0 Materji Finanzjarji

### a) Approvazzjoni tal-financial position 31st December 2012 u Annual Budget for Financial Year 2013

F'dan il-ħin l-accountant tal-Kunsill is-Sur Michael Debono intalab jispjega fid-dettall il-*Financial Position* tal-Kunsill għas sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2012.

Ġew imqassma kopji tal-*financial accounts* kif ippreparati mis-Sur Debono. Is-Sur Debono spjega li għas-sena 2012, il-Kunsill kellu *deficit* ta' Euro 127,442. Huwa spjega li dan fil-fatt ma kienx telf iżda (fi kliemu) tindif ta' kontijiet li kienu juru bilanċi favorevoli mhux realistiċi u l-anqas realizzabli. Fost dawn il-kontijiet kien hemm flus (*accrued income*) li ma kienux ser jinġabru mingħand *Water Services* għal-*Reinstatement* ta' Toroq u *Bad-Debts* oħra ta' kontijiet li kienu antiki (*past due*) b'aktar min sentejn. Dan, qal is-sur Debono, kien qed isir skont *accounting procedures* korretti. Wara li s-sur Debono intalab jispjega diversi punti u intalab jirranġa kont dwar flus minfuqa fuq fees tal-perit tal-Kunsill,li kienu jidhru taħt kont ieħor, il-Kunsill approva l-*Financial Statement 2012. Ġie approvat ukol il-Budget għas-sena 2013.*

### (b) Approvazzjoni tal-Quarterly returns għas-sena 2012

Ġew approvati l-Quarterly returns għas-sena 2012 wara li kienet saret reviżjoni tagħhom mill-accountant tal-Kunsill. Is-Sindku spjegat li kien hemm titjib progressiv fil-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill min kif kien wiritha dan is-Sitt Kunsill fil-1 ta' April, 2012.

### (c) Rapport tal-Interim Audit 31.05.2012 u risposta tal-Management Letter

Il-Kunsilliera ingħataw kopja tar-rapport tal-Interim Audit 31.05.2012. Is-Sur Michael Debono intalab jipprepara l-kummenti tiegħu għar-risposta tal-Management Letter.

**(d) Lista ta Pagamenti**

Ġiet approvata unanimament lista ta' Pagamenti kif ippreżentata.

**(e) Lista tal-Works Orders**

Ġiet approvata unanimament lista ta' Works Orders kif ippreżentata.

**(f) Lista tal-Purchase Orders**

Ġiet approvata unanimament lista ta' Purchase Orders kif ippreżentata.

**g) Lista ta Depositi**

Ġiet approvata unanimament lista ta' Depositi kif ippreżentata.

**4.00 Korrispondenza**

Ġiet ippreżentata lista ta' tnax il-item ta' korrispondenza. Id-deċizjonijiet tal-Kunsill dwar dawn l-*items* jidhru fil-lista annessa ma dawn il-minuti.

4.01 Dwar talba min xi bdiewa u residenti għal-konkrit sabiex jkunu jistgħu jirranġaw mogħdijiet u toroq sekondarji iżda li kellhom bżonn manutenzjoni, il-Kunsill approva unanimament l-ħruġ ta' Purchase Orders għal-konsenji ta' konkrit bil-kundizzjoni li x-xogħol meħtieġ isir mill-istess bdiewa u/jew residenti. Fost dawn il-talbiet kien hemm talba għall-sqaq f'Għajn Riħana u oħra għal-Trejqa tal-Ġiża fiż-żona tal-Isperanza.

4.02 Il-Kunsill approva unanimament talba min membru tal-istaff tal-Kunsill, is-Sinjorina Rita Galea sabiex din titla min *notch* 4 ghal-*notch* 5 fi skala 11 skont il-provedimanti tal-*Collective Agreement.*

**5.0 Approvazzjoni ta Twaqqif ta Management Committee għal postijiet storici fil-Mosta inkluż Tat-Tarġa Battery**

Is-Sindku Dott. Shirley Farrugia infurmat lill-Kunsill dwar il-Laqgħa li kienet saret l-Lands Department mad-Direttur tal-Artijiet u d-diriġenti tal-Mosta Scouts Group fejn sar qbil li l-Kunsill Lokali tal-Mosta jaħtar Management Committee għat-tfassil ta regoli u tmexxija ta' postijiet b'valur storiku li hawn fil-lokalita tal-Mosta, fosthom il-Batterija Tat-Targa. Dan il-Kumitat għandu jippproponi, fost affarijiet oħra,kif għandha tiġi onorata l-obligazzjoni li l-Kunsill għandu skont il-Kuntratt mal-Lands Department li jgħaddi parti mill-art tal-Batterija tat-Targa lil-Mosta Scouts Group.

Ġie deċiż unanimament li l-Management Committee jkun iffurmat min dawn is-Sinjuri:

- Il-Vici-Sindku s-Sur Joseph De Martino bħala Chairperson
- Il-Kunsillier Mario Sammut bħala Membru.
- Il-Professur George Cassar bħala Membru.
- Il-Perit Lawrence Gatt bħala Membru.

- L-Arkeologu s-Sur Glen Farrugia bħala Membru.

Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill għandu wkoll jattendi l-Laqgħat kollha tal-Kumitat ex-Uffiċju.

Is-Sindku qalet li kienet ser tkellem ukoll lil-Perit Cassar li huwa ex Direttur tal-Mepa sabiex tara jekk kienx interessat jifforma parti min dan il-kumitat.

**6.00 Affarijiet Oħra**

6.01 Ġie deċiż li għal-festi tal-Ġimgħa l-Kbira u tal-Għid il-Kbir, il-kjosks jitpoġġew skont pjanta li kienet saret mill-Perit Chris Grech is-sena li għaddiet.

6.02 Fuq talba tal-Kunsilliera Marthese Mifsud, ġie approvat unanimament li jiġi pprovdut transport a spejjes tal-Kunsill għal-żewġ ħarġiet li hija kienet ser torganizza għal-anzjani Mostin . Dawn huma: (1) Visti ta Ħamis ix-Xirka f'Marzu u (2) Ħarġa għal-Monte Kristo Complex f'April.

Laqgħa spiċċat fil-9.45p.m.

| | |
|---|---|
| Dott Shirley Farrugia | John J. Camilleri |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |